# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 10 ta' Dicembru 2015

Rikors Guramentat Nru. 105 / 13RGM

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi l-partijiet ma ghandhomx tfal;

3. Illi l-partijiet isseparaw personalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 11 ta' Novembeu 2012 u ippublikat minn Nutar Dr Annalise Caruana;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

5. Illi sussidjarjament il-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u sjentement billi eskluda l-obbligu tal-fedelta' u t-tfal;

6. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null ghal effetti kollha tal-ligi;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) huwa null u minghajr effett fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-eccipjenti jiddikjara li huwa jaqbel li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, imma mhux ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors Guramentat mertu ghal din ir-Risposta Guramentata;

2. Illi m'huwiex minnu li z-zwieg in kwistjoni hu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-istess min-naha tal-eccipjenti, izda huwa minnu li tali kunsens kien vizzjat b'dan il-mod min-naha tal-istess attrici;

3. Illi l-anqas m'huwa minnu li l-kunsens tal-eccipjenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg, u senjatament billi huwa eskluda l-obbligu ta' fedelta u t-tfal izda kien l-istess kunsens tal-attrici li effettivament inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-istess zwieg, u senjatament billi hija eskludiet l-obbligu ta' fedelta u t-tfal, b'dan illi tali aggravju ghandu jigi attribwit lill-attrici u mhux lill-eccipjenti;

4. Illi ghalhekk jekk tigi akkolta t-talba ghan-nullita' taz-zwieg, l-eccipjenti m'ghandux jissubixxi ebda spejjez relatati ma' din il-kawza;

5. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

6. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attrici, li hija minn issa stess ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-17 ta'Settembru 2013 fejn gie nominat bhala Assistent Giudizzjarju l-avukat Dottor Kenneth Gulia;

Rat in-nota tal-attrici tat-23 ta' Ottubru 2013, li biha ppresentat l-affidavit taghha, kif ukoll ta' A B, Giselle Bennellack, Doriette Debattista B u Georgina B;

Rat il-kontroezami tal-attrici Fol. 32 et seq. tal-process, li sar fis-seduta mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju fil-5 ta' Novembru 2013; dak ta' Doriette Debattista B li sar fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2014 u dak ta' Giorgina B li sar fis-seduta tal-21 ta' Frar 2014 quddiem l-Assistent Giudizzjarju;

Rat in-nota tal-konvenut tas-26 ta' Marzu 2014 li biha ppresenta l-affidavit tieghu, ta' ohtu Carmen D Buchs u ta' huh Anthony D;

Rat it-traskrizzjoni tal-kontroezami ta' Anthony D li sar fis-seduta tas-17 ta' April 2014, u ta' Carmen D li sar fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2014 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ppresentata fil-11 ta' Frar 2015 u dik tal-konvenut ippresentata fit-13 ta' April 2015;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat.

**PROVI TAL-ATTRICI.**

Fl-affidavit taghha, l-attrici ddikjarat li ltaqghet mal-konvenut fid-Dipartiment tal-Licenzji fejn kienu jahdmu. Ghalkemm fil-bidu deher kollox normali nnotat li kien interesat fil-flus billi ghalkemm hu wkoll kellu karozza qalet li kienet twasslu hi biex jiffranka l-petrol. Hi ddikjarat li f'dak iz-zmien kien johrog ma' tfajla ohra u hi bdiet tohrog mieghu wara li hassar minn maghha. Hi kkummentat dwar il-fatt li kien jirrifjuta li jghinha bhal meta jkollha *puncture* jew tieqaf bla petrol, u kien jkollha ccempel lill-kugina taghha. Tilmenta mill-fatt li ma sabet l-ebda ghajnuna minnu, meta missierha marad bil-kancer, u kien anke vjolenti maghha meta minhabba l-kondizzjoni ta' missierha ma kellhiex aptit ta' hrug, tant li ghal xi xhur hassru izda rrangaw fuq insistenza tieghu u l-kollegi taghha tax-xoghol.

Wara mardet ommha wkoll, u kienet tqatta' hafna hin ghand ommha taghmel t-tisjir u t-tindif, pero' hu ma kienx japprezza, qalet li kienet ser titilqu izda tithassru u tibqa' mieghu. Ftit zmien wara l-mewt ta' ommu, gie sospis mix-xoghol u kellu

kawza kriminali li damet sitt snin. Tghid li din il-kawza kienet ta' inkwiet kbir tant li kellha tiehu l-kalmanti, u billi kien qieghed nofs paga kienet tghinu anke finanzjarjament. Hi qalet li kienet tithassru li kien ghaddej minn tensjoni ta' proceduri kriminali hajritu jaghmel xi *part time job* biex jiltaqa' man-nies u jdahhal xi haga tal-flus, izda hu rrifjuta, pero' xorta kien jonfoq fuq *computer games*. Litigju iehor ta' bejniethom kien dak dwar id-dar li kellha f'isimha qabel iz-zwieg f'Rahal il-Gdid, billi hu ppretenda li tkun f'ismu wkoll., anke peress li l-post ta' Marsascala fejn kienu ser jghixu wara iz-zwieg kien taghha. Hi ma accettax u bdiet tissusspetta li minnha flus biss kien qed jara.

L-attrici semmiet incidenti meta kien vjolenti maghha, darba meta marru ghand iz-zijiet ghal-ikel, hi kellha fejn tmur u xtaqet titlaq izda hu baqa' jilghab il-play station u meta hargu, illitigaw u qalet li taha daqqa ta' ponn f'ghanejha. Wara cempillha biex jitlobha skuza. Darba ohra kienu lis-Splash and Fun mal-hbieb, skopriet li tfajla qed iccempillu, u meta qaltlu beda jaghajjat maghha li ma kellhiex d-dritt tara il-mobile tieghu. L-ghada marru Paceville, ragghet qabditu ma' tfajla fuq il-mobile u tant irrabbja meta ipprotestat mieghu li tefalha mqass ghall-wiccha.

Wara z-zwieg kellhom incident iehor ta' vjolenza meta qabditu f'gidba. Missieru cempilha biex jistaqsi kienx wasal billi kien ilu li telaq minn ghandu, u meta cemplet lill-konvenut dan qalilha li kien ghand missieru, bdiet tajru giddieb u meta rritorna d-dar xi saghtejn wara komplew jitajru u jiggieldu u spicca bezqilha u tefalha tazza tal-hgieg. Semmiet incident ta' ftit gimghat wara z-zwieg meta hareg mal-hbieb, dam barra sas-sitta ta' fil-ghodu u meta ipprotestat ta daqqa f'halqha u qasmilha xuftejha.  Izda hi lill-membri tal-familja qatt ma qaltilhom b'dawn l-incidenti ta' vjolenza. Hi qalet li ma kinitx ihossha *safe* mieghu fil-karozza billi jekk ikollhom xi jghidu, kien jkeccijha mill-karozza u jhalliha hemm.

Hi kkonfermat li l-glied fiz-zwieg kiber, anke fil-honey moon kellhom xi jghidu billi jintilef fuq xi loghba fuq il-computer u meta jmur jorqod hi tkun ilha li raqdet. Hi lmentat mill-fatt li hu kien jibqa' jilghab il-play station sa l-erbgha jew il-hamsa ta' filghodu, meta jkun kwazi sarilha l-hin biex tqum ghax-xoghol. In oltre, fost il-gimgha kien imur darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha jilghab il-football, kien johrog fis-7 pm u jirritorna fis-1 am. Darba minnhom tant dam li harget tfittxu, izda tant kien irrabbjat, beda jaghajjat u jsabbat li bezghet minnu u marret torqod fl-ispare bedroom.

Dwar il-kawza kriminali li kellu kkonfermat li wara li giet deciza kontrih, appella, l-ispejjez tal-appell ta' xi Euro 4000 hallsithom ommha, u hu kien jghid li jekk jirbah il-kawza jixtri BMW u jmur il-Japan. Dwar dan tlewmu billi hi kienet tinsisti li jekk il-kawza tintrebah il-flus kellhom jonfquhom fuq il-post u mhux iberbquhom.

Hu kien ried li jaddottaw tifel ciniz, tant ma riedx tfal li kien jinsisti maghha li tiehu l-pill u li jekk tohrog tqila jaghmillha it-test tad-DNA.

In kontro ezami ikkonfermat li qabel ma saret taf lill-konvenut kienet gharusa ma' haddiehor ghal erba' snin. Hi kkonfermat l-incidenti ta vjolenza li semmiet fl-affidavit u stqarret li qatt ma ghamlghet rapport lill-Pulizijja u l-anqas certifikati medici, billi dejjem kienet tahfirlu. Hi ddikjarat li meta thallas il-flus li rceva wara li giet deciza l-kawza favur tieghu, billi fil-pendenza tal-kawza kien fuq nofs paga, hi c-cheque qatt ma ratu, pero' kkonfermat li kien hallsilha ghall-operazzjoni tal-implants. Dwar it-tfal ikkonfermat dak li qalet fl-affidavit, cioe' li hu ma riedx tfal izda ried li jadottaw tifel ciniz.  Stqarret li kien hemm inkompatibilita' ta' karattru bejniethom u li l-kawza kriminali li kellu effettwatat aktar lilha milli lilu. Meta bdiet tibghatlu l-messaggi biex jirrikonciljaw ammetta maghha li kien qed ikellem tfajla ohra.

**PROVI TAL-KONVENUT.**

Il-konvenut fl-affidavit tieghu kkonferma li sar jaf lill-attrici fl-ahhar tas-sena 2001 billi dahlet tahdem fid-Dipartiment tal-licenzji fejn kien jahdem hu. Hi kienet gharusa ma' haddiehor u ftit xhur wara bieghet il-post li kellha mieghu. Hu kien beda jidhol id-dar tal-familja taghha meta kienet waslet biex tizzewweg ohtha. Hu ma ghandux x'jilmenta mill-familja taghha ghalkemm qal li fil-familja taghha hemm il-pika u l-ghijra. Hu qal li l-attrici u ohtha kienu ippikati ghalkemm kienu juru minn barra li jingiebu. Anke mal-kugina taghhom Giselle wara darha kienu jitkazaw biha. Hu qal li l-attrici geldet il-membri tal-familja taghha kollha kontrih, u li ivvintat stejjer dwaru anke ma' familjari tieghu.

Hu ammetta li hi kienet generuza mieghu, u l-fatt li kellu l-kawza kriminali ikkomplikalhom hajjithom. Hu ddikjara li l-attrici ma kinitx issolvi il-problemi taghha mieghu, izda toqghod fuq dak li jghidhulha tal-familja. Hu nnega li kellu interess fi tfajla ohra, kif gie minnha allegat, u ddikjara li hi habibha.

Dwar it-tfal hu kkonferma li qatt ma kienu ddiskutew din il-kwistjoni, u wisq anqas iggieldu dwarha. Hu ammetta li kien semma l-adozzjoni ta tifel minn barra, pero' mhux bil-hsieb li ma jkollhomx ulied huma u jkollhom familja. Hu cahad b'mod enfatiku li hu qatt refa' idejh fuqha, iddikjara li kien jhobbha u li l-anqas dubbiena ma jasal biex jwegga'.

**Oht il-konvenut, Carmen D Buchs** ikkonfermat li kien jkollhom xi jghidu billi kien hemm hafna ndhil mill-familja taghha, li huwha l-konvenut kien ihobb hafna t-tfal,  tant li kien jiehu pjacir jilghab mat-tfal tal-kugina Giselle, u li qatt ma qal li

ma riedx tfal, anzi hi fehmhet li xtaqu li jkollohom it-tfal billi f'telefonata, l-attrici qaltilha li wafqet tiehu l-*contraceptive pill*.

**L-AZZJONI ATTRICI.**

L-attrici qed titlob li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-2 ta' Mejju 2010 jigi dikjarat null u minghajr effett fil-ligi billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u sussisdjarjament li l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni posittiva ta' wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u senjatament billi eskluda l-obbligu tal-fedelta' u tat-tfal.

L-konvenut jaqbel li iz-zwieg jigi dikjarat null izda ghar-ragunijiet imputabbli ghall-istess attrici.

L-azzjoni attrici qed issir ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) u l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-Qrati taghna dejjem irritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku, u bhala tali jehtieg is-salvagwardji necessarji. Talba ghall-dikjarazzjoni giudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-giudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partjijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet"Anna Tonna vs Alexander Tonna" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal;

"F'materja ta' zwieg illi huwa ta'ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizzjoni imam f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccjozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malghajr din id-deskrizzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizzultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux jkun sabiex ikunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minnghajr dubbju."

Fil-kawza fl-ismijiet" Lawrence Attard vs George Attard" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit030 ta' Gunju 2011, dwar il-validita' tal-kunsens ntqal;

"Il-kapacita' hija ir-regola; l-inkapacita' l-eccezzjoni ......Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel."

Fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987 ntqal;

"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubbju ta' xejn hu ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett......Ghall-Qorti nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata ristrettivament."

**Inkompatibilita' bejn l-Artikolu 19 (1) (d) u l-Artikolu 19 (1) (f).**

Jigi rilevat li il-Qrati taghna rriskontraw kontradizzjoni meta t-talba ghall-annullament fiz-zwieg tkun saret a tenur tas-sub-incis (1)(d) kif ukoll is-sub-incis (1)(f),billi min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

Fil-kawza fl-ismijiet"Zammit vs Zammit" deciza mill-Prim Awla ral-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 2006 inter alia ntqal;

"L-inkompatibilita 'bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li in-nuqqas ta' diskrizzjoni ta' giudizzju timplika inkapacita' li wiehed jaghraf, jifhem u jirrefletti fil-waqt li l-kawzali ta' simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita' intellettwali, propju l-att pozitiv tal-volonta' li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."

Ikkunsidrat;

**Difett Serju ta' Diskrezzjoni ta' Gudizzju.**

Id-decizzjonijiet tal-Qrati taghna huma fis-sens li mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet"Mario Mizzi vs Maris Mizzi" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005 intqal;

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali(mhux necessarjament anomalija

psikologika fis-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddecidi liberament(jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta' ta' l-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."

Mill-provi rrizulta li dan iz-zwieg falla mhux tant ghax il-partijiet ma kienux jafu ghal x'hix kienu dehlin, izda ghall-problemi li kellhom fil-konvivenza taghhom wara iz-zwieg.

Ezminati l-provi mressqa ma jistax jinghad li l-partijiet meta taw il-kunsens taghhom fiz-zwieg, ma kellhomx dik il-maturita' li taghamilhom kapaci jaghrfu l-obbligi u d-drittijiet u r-responsabiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga. Il-Qorti ma rriskontrat xejn mill-evidenza prodotta li tista' twassalha tikkonkludi li kunsens ta' xi hadd mill-partijiet kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Ghalhekk il-kawzali fir-rigward tal-Artikolu 19 (1) (d) qed tigi respinta.

**Eskluzzjoni tat-Tfal.**

Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet "Al Chahid vs Mary Spiteri" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gjiehdu azzjoni unju 2002:

"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' il-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estermi tal-annullament taz-zwieg."

L-attrici, apparti l-incidenti ta' vjolenza, li huma kkontestati mill-konvenut, allegat nuqqas ta' affezzjoni mill-konvenut fil-konfront taghha, billi spiss kien johrog mal-hbieb u jigi lura tard meta tkun raqdet, jew jinghalaq f'kamra ohra jilghab il-play station ghall-sieghat shah. Fl-affidavit tieghu l-konvenut qal li s-suggett tat-tfal qatt ma ddiskutewh jew iggieldu fuqu. Ghalkemm ammetta li kien qalilha li fil-futur jikkunsidraw li jadottaw tifel jew tifla minn barra, ddikjara li qatt ma eskluda li xi darba hu u hi jibnu familja. Fil-kontro ezami ddikjara li ghalkemm f'xi okkazzjoni tkellmu fuq it-tfal, qatt ma iddecidew li jiehdu azzjoni biex jipprovaw ikollhom tfal. Fl-affidavit tieghu l-konvenut, Fol. 56 tal-process, jghid li l-problemi li kellhom kienu ta' koppja normali u ikkonferma" bl-aktar mod assolut li hu kien dejjem habb lill-attrici. Hu jakkuza lill-attrici li qatt ma uriet interess li jkollhom familja taghhom, mentri l-attrici takkuza lilu, li tant ma riedx tfal li kien semma l-adozzjoni minn barra.

Dwar din ic-cirkostanza hi rilevanti x-xhieda ta' oht il-konvenut, Fol.58 tal-process, li ddikjarat li l-attrici qaltilha li wafqet tiehu l-*contraceptive pill,* tant li hi

fehemhet li qed jipprovaw ikollhom it-tfal, u dwar dan mill-ewwel qalet lill-zewgha.

Il-premess jindika li ghalkemm il-partijiet ma ghamlux pjanijiet specifici, dwar *family planning*, ma kienitx qed tigi eskluza il-possibilita' ta' wild. Isegwi ghalhekk li mhux minnu kif tallega l-attrici li l-kunsens kien vizzjat bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, fit-termini tal-ligi.

Kif konfermat mid-decizjonijiet fuq citati, l-fatt li zwieg jitkisser ma jiffissirx necessarjament li kien vizzjat.

Minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut taw kunsens validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi meta resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg u ghalhekk it-talbiet attrici ai termini tas-sub-incis(f) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 ma jirrizultawx ipprovati.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad ukoll it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**